MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 186/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR NORBERT CIAPPARA**

**VS**

**SPIRIDIONE VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Spiridione Vella detentur tal-karta tal-Identita` numru 564963 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-granet ta` bejn il-5 ta` Marzu 2004 u s-7 ta` Marzu 2004 ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienx xorta ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess

tieghu bi ksur ta` Regolament 10 (2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwement emendat u 35 (B) u 89 (A) u t-Tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Att V tal-1985, kif emendat.

U aktar talli fl-istess dati, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwement emendat u 35 (B) u 89 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussivi tieghu.

U aktar talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikament fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba` u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta` 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li rat ir-Regolament 10 (2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwement amendat u 35 (B) u 89 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Att V tal-1985 kif emendat. Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwement amendat u 35 (B) u 89 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha. Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif amendat. L-Att dwar il-Medicini Perikoluzi, l-ewwel skeda Kapitolu 101, dispozizzjonijiet 4 sas-6. Ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939 (G. N. 292/1939) kif sussegwement emendat u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat in-nota tal-Avukat Generali tal-28 ta` Jannar 2008 li biha bghat l-imputat ghall-gudizzju quddiem dina l-Qorti bhala wahda ta` Gudikatura Kriminali.

Wara lil rat il-verbal tal-22 ta` Dicembru 2009 fejn l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li jigi ggudikat minn dina l-Qorti.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-4 ta` Ottubru 2012.

Wara li hadet in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva quddiem dina l-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti wara li rat il-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet ghandha dan xi tghid:

Illi l-imputat qieghed jiskonta sentenza twila konsiderevoli wara li gie pprocessat fuq akkuzi simili u misjub hati minn Qorti ohra diversament ppresseduta. Illi l-imputat, wara, kif semmejt qabel, iskonta diversi snin ta` din is-sentenza li, issa, waslet kwazi fit-terminu taghha.

Matul il-permanenza tieghu fil-Facilita` Korrettiva jidher sew illi l-imputat tghallem sew il-lezzjoni u, illum, huwa qed jigi deskritt bhala prigunier ezemplari li qieghed igib ruhu b'mod rett u risponsabbli. Illi jidher minn nota prezentata mid-Direttur tas-Servizzi Korettivi, l-Ispettur Abraham Zammit, illi:
"Fis-6 ta` Novembru 2010 l-imputat gie assenjat xoghol fl-Officers ….. u dan minhabba l-bzulija u l-imgieba tajba tieghu flimkien mal-fatt li huwa nadif minn kull abbuz ta` sustanzi illecita.
Illi, fit-22 ta` Ottubru 2011, intghazel biex jahdem fil-komunita` huwa gie assenjat xoghol fil-kcina tal-Palazz ta` San Anton fejn ghadu assenjat sal-llum. Illi Vella ha sehem ukoll f'diversi attivitajiet socjo-kulturali u religjuzi kemm fil-Facilita` kif ukoll barra l-hitan tal-Facilita`."

Illi dawn il-konstatazzjonijiet posittivi tad-Direttur tal-Habs jinsabu kkonfermati minn zewg rakkomandazzjonijet ferm interessanti u cioe`:
1. Capt. Jonathan Borg, AFM Aide-de-Camp tal-President ta` Malta, li ccertifika x-xoghol imwettaq mill-imputat gewwa l-kcina tal-Palazz bhala wiehed eccellenti u validu u;
2. J. Church, Segretarju tal-President ta` Malta, li fahhar lill-imputat bhala bniedem diligenti u kompetenti li x-xoghol eccellenti tieghu jvarja kompetenza fil-preparazzjoni tal-ikel u anke tisjir. Huwa bniedem dedikat u rispettuz mas-superjuri tieghu, nonostante li qatt ma kellu esperjenza ta` xoghol fil-kcina qabel. Is-Sur Church ikompli billi jghid illi m'ghandu l-ebda ezitazzjoni sabiex jirrakommanda lill-imputat anke ghal-xoghol barra l-Palazz fil-quddiem.

Dawn iz-zewg rakkommandazzjonijiet juru bic-car illi l-imputat, minn passat ikrah kriminali, illum tbiddel ghal kollox u llum sar bniedem responsabbli, diligenti u ta` min

jafdah. Dan jista` jigi kkonfermat anke minn dina l-Qorti illi tista` tghid illi l-imputat dejjem gab ruhu quddiema b'mod dekoruz u rispettuz. Dejjem nadif, pulit u liebes tajjeb. Anke l-Prosekuzzjoni ghandha tifhir ghal kif l-imputat irnexxielu jdawwar hajtu u johrog mid-dinja qalila tad-droga.

Madankollu l-imputat ghad ghandu d-dejn mas-socjeta` liema dejn ghandu jigi mhallas stante illi r-reat tat-traffikar tad-droga, in partikolari, ghandu impatt negattiv fuq kulhadd, kbar u zghar. Waqt illi dina l-Qorti tifrah ghall-imputat illi rnexxielu jdawwar hajtu ghall-ahjar u johrog mic-cirku vizzjuz tad-dinja tad-droga u, ghalhekk, tawguralu personalment, il-fatt jibqa` li ghad fadallu x'jghati lis-socjeta` u dak li fadallu jghati ghandu jigi mhallas.

Gha dawn il-motivi, dina l-Qorti qieghdha tikkundannah ghal-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sena mil-llum kif ukoll ghall-hlas u spejjez tal-esperti kollha li hadmu f'dan il-kaz a tenur tal-Artikolu 538 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Per di piu, il-Qorti qieghdha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta` multa ta` elf ewro (€1,000) b'sena zmien ghall-hlas a tenur tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------